MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2015

Numru. 112/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Carmel Mifsud**

Numru 112/2010

Illum is-sebgha (7) ta' Lulju 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Carmel Mifsud**, ta' hamsin (50) sena, iben Joseph u Pietra neé Camilleri, imwieled Xaghra, Ghawdex, Malta, nhar il-4 ta' Mejju, 1960, residenti fil-fond

numru 35, Triq Liberat Grech, Xaghra, Ghawdex, detentur tal-Karta tal-Identita' Numru 29160(G), akkuzat talli nhar it-23 ta' Novembru 2009 u fix-xhur ta' qabel gewwa x-Xaghra, Ghawdex u gewwa postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer, f'hinijiet differenti:

1. kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u l-pjanta *cannabis* kollha, jew bicca minnha, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;
2. fl-istess data hin, lok u cirkustanzi, kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u l-pjanta *cannabis* kollha, jew bicca minnha;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta);

4. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern

skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kkoltiva l-pjanta *cannabis*;

6. sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati tal-Magistrati ta' Malta u Ghawdex, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigi mhassra jew mibdula.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) (Dok. "C" – *a fol.* 14).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 15).

Rat l-inkartament kollu tal-*Proces Verbal* numru 282/11 redatt mill-Magistrat Dr. Anthony Ellul (Dok. "JA" – *a fol.* 46 *et seq.*).

Rat li l-Qorti diversament preseduta semghet ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat illi, fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2013 (*a fol.* 158), quddiem il-Qorti diversament preseduta, l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u ddikjara li ma kellux provi xi jressaq.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' April 2014 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef (*a fol.* 164).

Rat id-digriet moghti minn il-Qorti kif preseduta fit-12 ta' Mejju 2014 fejn il-Qorti, fost l-ohrajn, issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza (*a fol.* 167).

Semghet, fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 169) lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet, fis-seduta tal-11 ta' Frar 2015, lill-Prosekuzzjoni taghmel is-sottomissjonijiet finali taghha bil-fomm (*a fol.* 171 *et seq.*).

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Frar 2015 (*a fol.* 170).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imputat (*a fol.* 173 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Frar 2011, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Frank Anthony Tabone** (*a fol.* 16 *et seq.*) rigward dak li kien infurmah bih PC 138 Joseph Portelli. Jghid li ordna lill-iskwadra tal-*mobile* (lil PS 771, PC 138 u PC 1384) biex jaghmlu osservazzjoni fil-pjazza tax-Xaghra fejn ihobb joqghod l-imputat. Jixhed fuq dak li kien gie nfurmat bih in segwitu ta' dan. Jghid li mar fir-residenza tal-imputat fejn kienet qed issir tfittxija u fejn instab materjal relatat ma' l-uzu tad-droga. Jghid li anke fl-ghalqa li hemm magenb id-dar tal-imputat instabu hames pjanti suspettati li huma pjanti tal-*cannabis*. Jghid li nforma b'dan lill-Magistrat Inkwirenti u nfethet Inkjesta Magisterjali. Ezebixxa zewg stqarrijiet rilaxxati mill-imputat li gew immarkati bhala Dok. "FT 1" u "FT 2" (*a fol.* 19 *et seq.*).

Fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2012, l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Frank Anthony Tabone pprezenta *mobile phone* li gie mmarkat bhala Dok. "FT 3" (*a fol.* 112).

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Frar 2011, xehed ukoll **PS 771 Raymond Mifsud** (*a fol.* 26 *et seq.*) fejn qal li fit-23 ta' Novembru 2009 ghal 11.30pm kien *patrol* ix-Xaghra fejn gie nnutat li kien hemm l-imputat li dak iz-zmien kellhom informazzjoni fuqu li kien qed jittraffika d-

droga. Jghid li ghamlu tfittxija fuq l-imputat li rrizultat fin-negattiv. Jixhed li l-imputat kellu l-vettura tieghu fil-pjazza u minn tfittxija li saret fiha nstabu pakkett libretti u kif ukoll tracci ta' weraq ahdar, suspettat *cannabis*. Jghid li baqghu sejrin fid-dar residenzjali tal-imputat u minn tfittxija li saret fil-kamra tas-sodda, taht is-saqqu sabu bicca kannella mgezwra go *foil* u minn gol-kcina gie elevat mizien digitali. Jghid li nstabu xi siringi wzati u ohrajn godda. Jghid li telghu fuq u sabu xi *magazines* bil-bicciet imqatta' minnu u fil-*kitchen cupboard* sabu xi bicciet suspettati li kienu *cannabis*. Jghid li l-imputat gie mistoqsi jghid jekk l-ghalqa li raw minn fuq il-bejt kienitx tieghu u huwa wiegeb fin-negattiv u meta marru fl-ghalqa flimkien mal-imputat, liema ghalqa tigi ezatt mal-bitha tad-dar tal-imputat, instabu hames pjanti suspettati pjanti tal-*cannabis*.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Frar 2011, xehed ukoll **PC 138 Joseph Portelli** (*a fol.* 28 *et seq.*). Huwa xehed fuq l-istess linji li xehed fuqhom PS 771 Raymond Mifsud. Jghid li mill-kcina gew elevati bott bicarbonate, bott citric acid, xi siringi wzati u godda, mizien digitali, u pakkett tal-*foil*. Jghid li minn gol-bank tal-kcina PC 1384 sab borza li go fiha kien hemm zewg boroz ohra b'ammont ta' weraq ahdar suspettati *cannabis*. Fir-rigward tax-xtieli li sabu fl-ghalqa, jghid li fil-bicca ta' fuq taghhom kien ghad baqghalhom ftit weraq u ftit zrieraq pero z-zokk kien mnaddaf. Jghid li l-imputat innega li dawn kienu tieghu.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Frar 2011, xehed ukoll **PC 1384 Felix Sammut** (*a fol.* 30 *et seq.*). Huwa xehed fuq l-istess linji li xehdu fuqhom PS 771 Raymond Mifsud u PC 138 Joseph Portelli.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2012, xehed l-i**Spizjar Godwin Sammut** (*a fol.* 60 *et seq.*) fejn spjega li fis-26 ta' Novembru 2009 kien gie mghoddi sitt (6) dokumenti minn ghand is-*Scene of Crime Officer*

PS 644. Ezebixxa r-rapport redatt minnu u li gie mmarkat bhala Dok. "GS" (*a fol.* 62 *et seq*.). F'dan ir-rapport, l-ixjenzat Sammut jikkonkludi s-segwenti:

*(a) Li fuq il-weraq tal-pjanti li hemm fid-dokumenti 447_09_01 sa 447_09_05 u fuq il-weraq li hemm fid-dokument 447_09_06 instabu trichomes, fattizi tal-weraq tal-pjanta tal-Cannabis.*

*(b) Li l-pjanti hawn fuq imsemmija u li hemm fid-dokumenti 447_09_01 sa 447_09_05 f'ammont nett totali ta' <u>21.32 grammi</u> minghajr gheruq u zkuk, kienu dawk tal-Cannabis. Il-pjanta tal-cannabis hija kkontrolla bil-ligi taht Taqsima III tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-pjanta tal-Cannabis ikun fiha s-sustanza <u>Tetrahydrocannabinol</u>, kif instab fid-dokumenti li gie annalizati cioé d-dokumenti 4477_09_01 sa 447_09_05. Il-purita' ta' Tetrahydrocannabinol hija kkontrollata bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Taqsima A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*(c) Illi fuq estratti mehuda mill-weraq li hemm fid-dokument 447_09_06 instabet is-sustanza <u>Tetrahydrocannabinol</u>. Il-piz tal-weraq kien <u>15.19 grammi</u>. Is-sustanza Tetrahydrocannabinol hija kkontrollata bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Taqsima A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*(d) Illi fuq estratti mehuda minn 4 siringi hemm fid-dokument 447_09_06 instabet is-sustanza <u>Eroina</u>. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*(e) Illi fuq estratt mehuda minn wahda mis-siringi li hemm fid-dokument 447_09_06 instabet is-sustanza <u>Kokaina</u>. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*(f) Illi fuq estratti mehuda mis-sustanza ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 447_09_06 instabet is-sustanza <u>Tetrahydrocannabinol</u>. Il-piz tas-sustanza kien ta' <u>2.55 grammi</u> u l-purita' kienet ta' cirka 9.0%. Is-sustanza*

> *Tetrahydrocannabinol hija kkontrollata bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Taqsima A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2012, xehdu **PS 612 Theo Vella** u **PS 644 Evan Camilleri** (*a fol.* 99 *et seq.*) fejn ezebew ir-rapport taghhom li gie mmarkat bhala Dok. "TV" (*a fol.* 100 *et seq.*). PS 644 Evan Camilleri eleva l-hames pjanti suspettati *cannabis*.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2013, xehed **Il-Perit Gordon Vella** (*a fol.* 130) fejn ezebixxa ir-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "JB" (*a fol.* 132 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2013, xehed **Dr. Martin Bajada** (*a fol.* 143) fejn ipprezenta r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "MB" (*a fol.* 144 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-ewwel stqarrija (Dok. "FT 1" – *a fol.* 19 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat fl-24 ta' Novembru 2009, ghad-domanda ta' x'gie elevat mill-Pulizija meta saret tfittixija fir-residenza tieghu, l-imputat wiegeb hekk: *"Nghid li l-Pulizija sabu zewg boroz bil-cannabis li kienu qeghdin gol-kcina taht is-sink, nghid li ukoll taht is-saqqu tal-kamra tas-sodda pero' mhux fejn norqod jien, imma gol-kamra l-ohra sabu bicca blokka tal-cannabis li pero' nixtieq nghid li dik ma kontx naf biha ghal dawn l-ahhar tlettax-il sena, ezattament minn 1995. Mistoqsi kif il-blokka tal-haxixa spiccat taht is-saqqu tas-sodda nwiegeb li dik kont hallejtha hemmhekk biex ma jsibuhiex ommi u missieri u nghid li nsejtha hemmhekk"* (*a fol.* 20). Jghid li l-mizien digitali li nstab fid-dar tieghu gie moghti lilu minn certu persuna ta' nazzjonalita' Ingliza u li dan gie moghti lilu sabiex setgha jizen id-deheb u li kien ser izommu

ghall-gost. Jghid li fis-sena 1995 kien jitaqqab. Ghad-domanda: *"Ara taf tghidli kemm kien fiha l-blokka tal-cannabis li l-Pulizija sabu taht is-saqqu minn gewwa r-residenza tieghek?"*, wiegeb: *"Nghid li forsi kien hemm daqs qisu tmienja u ghoxrin (28) gramma bejn wiehed u iehor ma nafx nghidlek ezatt imma"* (*a fol.* 21). Jghid li bil-weraq tal-*cannabis* li saret riferenza ghalihom kien ser ipejjep xi sigarett. Jghid li l-kwantita' ta' weraq tal-*cannabis* misjub kienu ghal uzu personali tieghu. Jichad li gie li qassam jew biegh xi weraq tal-*cannabis* lin-nies. Fir-rigward tal-hames pjanti li nstabu gol-ghalqa li hemm wara d-dar tieghu, jghid li ma jafx dawn il-pjanti ta' xiex inhuma. Jichad li dawn il-pjanti huma tieghu. Jichad li zrahom hu.

Illi, fit-<u>tieni stqarrija</u> (Dok. "FT 2" – *a fol.* 24 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat fil-25 ta' Novembru 2009, mistoqsi jghid x'uzu ghamel bis-siringi wzati li nstabu fir-residenza tieghu u x'uzu kien ser jaghmel bis-siringi l-godda li nstabu, jghid li dawn kienu wzati u kienu ser jintuzaw ghall-kelb tieghu. Rega' gie mistoqsi dwar il-pjanti tal-*cannabis* li nstabu gewwa l-ghalqa li tmiss mar-residenza tieghu u huwa qal li ma jafx bihom. Baqa' jinnerga li l-pjanti tal-*cannabis* li nstabu gol-ghalqa huma tieghu. Ghad-domanda jekk gieli bieghx id-droga lil xi hadd, wiegeb: *"Ma nafx"* (*a fol.* 25).

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ammissibilita` o Meno tal-Istqarrijiet rilaxxati mill-Imputat</u>**:

Illi m'huwiex kontestat illi fil-jum li fihom ttiehdu z-zewg stqarrijiet tal-imputat, ossia fl-24 u fil-25 ta' Novembru 2009, il-ligi Maltija ma kinitx tippermetti li persuna arrestata tikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni taghha mill-Pulizija. Fil-fatt dan id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010.

Illi, dwar il-valur probativ tal-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat, il-Qorti taghmel riferenza ghal sentenzi kostituzzjonali in materja l-ewwel ghall-kazijiet **Il-Pulizija vs. Alvin Privitera**, **Il-Pulizija vs. Mark Lombardi**, u **Il-Pulizija vs. Esron Pullicino** illi taw certa direzzjoni. Il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghall-kawza **Charles Steven Muscat vs. Avukat Generali** illi tat direzzjoni ohra. F'din il-kawza flimkien ma' kawza ohra kostituzzjonali **Il-Pulizija vs. Ganni Attard** (31 ta' Ottubru 2012), il-Qorti Kostituzzjonali ikkristalizzat il-kwistjoni tal-istqarrija meta dina ttiehdet qabel l-introduzzjoni tal-ligi fi Frar tal-elfejn u ghaxra (2010) li tat lill-arrestat id-dritt illi jikkonsulta ruhu ma' avukat.

Illi l-Qorti tinnota li l-kawza kostituzzjonali **Charles Steven Muscat vs. Avukat Generali** deciza fit-8 ta' Ottubru 2012 qalet is-segwenti:

> "Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi li ngiebu kontrih u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta' avukat waqt interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-Qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghall-ksur tal-jedd ta' smiegh xieraq u jekk inholoqx il-periklu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dak il-periklu, mela ma hemmx ksur."

F'paragrafu 33 tal-istess sentenza jkompli jinghad is-segwenti:

> "... l-imhallef togat sejjer iwissi lill-gurati bil-perikolu illi joqghodu biss fuq l-istqarrija meta jiddeciedu dwar il-htija, bla ma jqisu l-provi l-ohra, u illi l-imhallef sahansitra jista' jwissi lill-gurati biex jiskartaw l-istqarrija jekk tingieb

xhieda […] li l-istqarrija ttiehdet bi vjolenza, qerq jew theddid ...".

F'dan il-kaz, il-Qorti Kostituzzjonali waslet ghall-konkluzjoni li ma kienx gie lez id-dritt ghal smiegh xieraq u dan ghaliex *inter alia*:

1. Meta sar l-interrogatorju, ir-rikorrenti kien ragel matur li digà kien qieghed jiskonta sentenza ta' prigunerija fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Ghalhekk kellu esperjenza ta' interrogatorju mill-Pulizija u ma kienx xi minorenni jew ibati minn xi forma ta' vulnerabilita` hekk li facilment ikun intimidat bl-ambjent fejn isir l-interrogatorju.

2. Ir-rikorrenti kien gie mgharraf bil-jedd tieghu li jibqa' sieket u ma jwegibx, u skond il-ligi dak iz-zmien, din l-ghazla seta' jaghmilha minghajr konsegwenzi ta' xejn u cioé minghajr ma ssir l-ebda inferenza mill-fatt li huwa jibqa' sieket.

3. Sakemm infethet il-kawza, ir-rikorrenti qatt ma fittex li jiehu lura l-istqarrija li kien ghamel jew li jichad dak li kien fiha.

Il-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni moghtija fit-18 ta' Gunju 2013 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Paul Cutajar** fejn il-Qorti kkristallizzat is-sitwazzjoni f'dan il-bran:

"Dwar dan l-ahhar ilment li l-istqarrija kellha tkun sfilzata il-ghaliex l-appellant ma kienx assistit fil-bidunett tal-arrest tieghu, din il-Qorti taghmel riferenza ghal decizjonijiet moghtija recentement (ara fost ohrajn **Charles Steven Muscat vs. Avukat Generali** u **Ganni Attard vs. Avukat Generali**) fejn din il-kwistjoni giet trattata u l-Qorti

> irrilevat li mhux kull nuqqas ta' assistenza legali ghandha twassal ghan-nullità ta' tali stqarrija, izda l-Qorti ghandha tara jekk l-istqarrija hijiex korroborata minn xhieda ohra u kemm l-akkuzat huwa persuna vulnerabbli illi seta' facilment ikun impressjonat jew influwenzat mill-fatt illi kien qieghed jigi interrogat mill-Pulizija."

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alexei Zerafa** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-31 ta' Lulju 2013, il-Qorti qalet hekk:

> "Fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti qalet illi l-istqarrija in kwistjoni *"ma kinitx mehuda skond il-ligi u ghalhekk annullata"*. Jidher illi dik il-Qorti kkonkludiet hekk wara li … id-difiza ssottomettiet *sic et sempliciter* illi l-istqarrija giet mehuda minghajr l-assistenza ta' avukat. Filwaqt illi m'hemmx dubju illi l-istqarrija in kwistjoni ttiehdet minghajr tali assistenza *stante* li l-ligi relattiva ma kinitx *in vigore*, jirrizulta illi l-appellat kien mgharraf bil-jedd tieghu li jibqa' sieket. Fl-istqarrija nsibu din id-dikjarazzjoni li l-appellat iffirma ghaliha bhalma ffirma ghall-istqarrija shiha tieghu: *"M'intix obbligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tghid jista' jingieb bi prova."* Huwa minnu wkoll li ma jirrizultax li l-appellat kellu esperjenzi ohrajn ta' interrogazzjonijiet mill-Pulizija qabel dan – difatti l-fedina penali tieghu hija netta – izda ma jirrizultawx cirkostanzi partikolari ta' vulnerabilita`. Imbaghad l-ghazla li jwiegeb jew ma jwegibx l-appellat seta' jaghmilha bla konsegwenzi ta' xejn u ghalhekk tali ghazla ghamilha b'liberta` shiha. Difatti ma saret l-ebda allegazzjoni li l-istqarrija tieghu ma gietx maghmula minnu volontarjament jew li giet imgieghla jew mehuda b'theddid jew b'biza', jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi (Artikolu 658 tal-

> Kodici Kriminali). Konsegwentement f'dan il-kaz, stante li c-cirkostanzi kollha juru illi l-istqarrija kienet wahda volontarja, tali stqarrija hi prova valida u ammissibbli".

Ghalhekk meta l-Qorti tkun qieghda tikkunsidra l-valur probativ ta' stqarrija f'dawn ic-cirkostanzi trid tqis ukoll il-vulnerabiltà tal-persuna arrestata u l-età taghha huwa fattur importanti ghax hekk biss tista' tevita l-periklu illi tasal ghall-konkluzjoni illi persuna tinstab hati meta ma kellux jinstab hati (*Vide* wkoll **Il-Pulizija vs. Robert Busuttil**, deciza fl-20 ta' Frar 2014)**.**

Illi, wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni dak kollu li nghad hawn fuq, fil-kaz *de quo* il-Qorti tasal ghall-istess konkluzjoni li waslet ghaliha l-Qorti fil-kawza **Il-Pulizija vs. Alexei Zerafa** kkwotata hawn fuq. L-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat gew mehuda wara li l-istess imputat kien gie mgharraf bil-jedd tieghu li jibqa' sieket. Dan jirrizulta mill-istess stqarrijiet, minn fejn tidher it-twiddiba moghtija mill-iSpettur Frank Anthony Tabone fis-sens illi: "*M'intix obbligat li titkellem sakemm ma tkunx obbligat li titkellem, imma dak li tghid jista' jingieb bi prova*" (*a fol.* 19 u 24). Apparti minn dan, meta ttiehdu l-istqarrijiet tal-imputat, l-imputat anqas kellu l-fedina penali nadifa u b'hekk jirrizulta illi l-imputat kellu esperjenzi ohrajn ta' interrogazzjonijiet mill-Pulizija qabel din l-okkazzjoni. Ma jirrizultawx cirkostanzi partikolari ta' vulnerabilita`. *In oltre* l-imputat kellu 49 sena dakinhar li ttehdulu l-istqarrijiet u ghalhekk lanqas jista' jinghad li kien ghadu minuri jew li kien ghadu kif dahal fil-maggor eta`. Ghalhekk, f'dawn ic-cirkostanzi, l-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat ser jitqiesu li huma prova valida u ammissibbli *stante* li gew moghtija minnu volontarjament.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni: Pussess Aggravat ta' *Cannabis*</u>**

Illi mir-rapport (Dok. "GS" – *fol.* 62 *et seq.*) redatt mill-ixjenzat Godwin Sammut jirrizulta li nstab il-*cannabis* fil-pussess tal-imputat. B'hekk, filwaqt li mhemmx dubju li l-imputat ghandu jigi misjub hati tal-fatt li kellu fil-pussess tieghu l-*cannabis* (u ser isir hekk taht it-tieni (2) imputazzjoni), ghandu jigi determinat jekk l-ammont misjub kienx ghall-uzu esklussiv tieghu jew le.

Illi, fir-rigward tal-hames pjanti li nstabu fl-ghalqa li tinsab vicin ir-residenza tal-imputat, il-Qorti, filwaqt li tinnota li tista' tispekula dwar jekk dawn il-pjanti in kwistjoni kellhomx xi konnessjoni mal-imputat, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti. Ma tirrizulta l-ebda prova konkreta dwar din il-konnessjoni. Ghaldaqstant, il-Qorti **mhijiex** ser tiehu in konsiderazzjoni dawn il-hames pjanti fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat.

Illi din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn **Lord Chief Justice Widgery** fil-kawza **R. v. Cooper** ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-Artikolu tal-ligi Ingliza S. 2(1)(a) tal-*Criminal Appeal Act*, 1968):

> *"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from*

> *the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*[1]

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Marius Magri** deciza fit-12 ta' Mejju 2005, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. **Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio** [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga jkun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri** [2.9.1999].)
>
> Illi pero` kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi *hard*

[1] *Vide* wkoll Blackstone's Criminal Practice (1991), p. 1392.

*and fast rule* x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzjoni possibbli. (App. Krim. **Il-Pulizija vs. Brian Caruana** [23.5.2002])".

Illi fis-sentenza taghha tat-18 ta' Awwissu 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Abela**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet hekk:

"Li stabilit li kull kaz irid ikun studjat ghalih, kif ukoll li ndizju wiehed hu bizzejjed biex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-pussess ikun wiehed aggravat, il-Qorti pero` trid tkun sodisfatta mill-provi migjuba li dawn iwasslu ghal din il-konkluzjoni. Meta l-ammont ma jkunx wiehed li normalment jassocja ma' uzu esklussiv da parti tal-possessur, ikun jispetta lill-imputat, imqar fuq bazi ta' probabbilta`, li jipprova li dak kien ghall-uzu esklussiv tieghu w dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101".

Illi, fir-rapport tieghu, l-ixjenzat Godwin Sammut jikkonkludi illi:

(a) fuq estratti mehuda mill-weraq li hemm fid-dokument 447_09_06 instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*. Il-piz tal-weraq kien <u>15.19 grammi</u>.

(b) fuq estratti mehuda mis-sustanza ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 447_09_06 instabet is-sustanza

*Tetrahydrocannabinol*. Il-piz tas-sustanza kien ta' 2.55 grammi u l-purita' kienet ta' cirka 9.0%.

Fl-istess rapport, l-ixjenzat Sammut jindika li l-pjanta tal-*cannabis* ikun fiha s-sustanza *Tetrahydrocannabinol* u li din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Taqsima A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi, normalment tintuza 0.2g *cannabis* kull darba u li persuna jista' jpejjep sa hames *joints* kuljum – li pero jiddependi fuq il-persuna u l-kwalita tal-*cannabis*. Peress li l-ammont ta' *cannabis* misjub kien ta' aktar minn 15g, ifisser li l-imputat kellu bizzejjed ghal 75 joints (15g diviz b'0.2g) u b'hekk f'kaz li jigi kunsidrat li l-imputat jiehu hames joints kuljum kellu ghal hmistax-il gurnata. Sorsi ohra jghidu wkoll li normalment titpejjep 1g kuljum li wkoll jaghti ammont ta` hmistax-il gurnata.[2]

Illi, minn qari tal-atti processwali, precizament mill-fedina penali tal-imputat (Dok. "B" – *a fol.* 9 *et seq.*), mill-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat, u kif ukoll minn zewg sentenzi ezebiti [Dok. "D" (*a fol.* 34 *et seq.*) u Dok. "F" (*a fol.* 121 *et seq.*)] jirrizulta li l-imputat kien dipendenti fuq id-droga. Jirrizulta li l-imputat gie misjub hati aktar minn darba rigward abbuz ta' droga. Il-Qorti tinnota li minkejja li l-ammont ta' droga misjub ghand l-imputat ma kienx wiehed li jista' jigi deskritt bhala wiehed zghir u minkejja li mit-tfittxija li saret instabu mizien digitali, *magazines* bil-bicciet imqatta' minnu, pakkett tal-*foil* u pakkett libretti, fl-istess waqt il-Qorti tirrikonoxxi dak li nghad fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Brian Caruana** li saret riferenza ghaliha fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Marius Magri** kwotata hawn fuq, fejn il-Qorti sahqet li huwa l-Gudikant li jrid jasal ghal konvizjoni

[2] World Drug Report 2006 Volume I. Analysis: pagna 196 *et seq.*

fuq il-fattispejci li jkollu quddiemu li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat u li ma jistax ikun hemm xi *hard and fast rule* dwar x'inhuma c-cirkostanzi indikattivi.

Illi, tenut kont ta' dan kollu, wara li din il-Qorti rriflettiet fit-tul u qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, u wara li rat li anke fl-istqarrija rilaxxat minnu (Dok. "FT 1" – *a fol.* 19 *et seq.*) l-imputat qal li kien ser ipejjep il-weraq tal-*cannabis* li nstabu ghandu u li kien ser juzahom hu biss, il-Qorti ma tarax li l-*cannabis* misjub ghand l-imputat kien tali li necessarjament jindika li kien intiz ghall-ispacc.

F'dan il-kaz, din il-Qorti ghad ghandha dak il-*lurking doubt* li jrid iwassal biex id-dubju dettat mir-raguni jmur favur l-imputat.

Konsegwentement, din il-Qorti mhijiex sodisfatta illi hemm provi sufficjenti li jindikaw, minghajr ebda dubju dettat mir-raguni, illi d-droga ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-imputat.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni: Pussess ta' *Cannabis*</u>**

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni: Pussess ta' Kokajina</u>**

**<u>Ir-Raba' (4) Imputazzjoni: Pussess ta' Eroina</u>**

Illi, tenut kont ta' dak li jirrizulta mill-atti processwali, b'mod partikolari mill-konkluzjonijiet raggunti fir-rapport (Dok. "GS" – *fol.* 62 *et seq.*) redatt mill-ixjenzat Godwin Sammut jirrizulta li dawn it-tliet (3) imputazzjonijiet msemmija hawn fuq gew sodisfacentement pruvati. Apparti minn dan, ta' min jinnota wkoll li fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu (*a fol.* 173 *et seq.*), l-imputat jammetti dawn l-imputazzjonijiet. B'hekk, m'hemmx dubju li l-imputat ser jinstab

hati tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

**Il-Hames (5) Imputazzjoni: Koltivazzjoni tal-Pjanta *Cannabis***

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghall-konsiderazzjonijiet li saru taht l-ewwel (1) imputazzjoni fir-rigward tal-hames pjanti li gew elevati mill-ghalqa. Apparti minn dan, il-Qorti tinnota wkoll li fis-sottomissjonijiet taghha rigward din l-imputazzjoni (*a fol.* 171), il-Prosekuzzjoni tirrikonoxxi li din l-imputazzjoni ma gietx pruvata. Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ser tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

**Is-Sitt (6) Imputazzjoni: Recidiva**

Illi, apparti l-fatt li fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu (*a fol.* 173 *et seq.*), l-imputat jammetti din l-imputazzjoni, il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni ezebiet numru ta' sentenzi li gew moghtija fil-konfront tal-imputat. Riferenza sejra ssir ghas-sentenzi mmarkati bhala Dok. "D" (*a fol.* 34 *et seq.*), Dok. "E" (*a fol.* 40 *et seq.*), u Dok. "F" (*a fol.* 121 *et seq.*). Il-Prosekuzzjoni ezebiet vera kopja tas-sentenzi msemmija u s-sentenzi in kwistjoni jikkontjenu l-konnotati tal-imputat fil-konfront ta' min gew moghtija liema konnotati jaqblu mal-konnotati tal-imputat fil-kawza odjerna[3]. Ghaldaqstant, jirrizulta li s-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jitqies li huwa recidiv.

**Ikkunsidrat**

[3] Il-Qorti mhijiex ser tikkunsidra s-sentenza moghtija fit-12 ta' Dicembru 1991 [(Dok. "G" – *a fol.* 123 *et seq.*) u Dok. "SG 1" (*a fol.* 141 *et seq.*)] *stante* li din is-sentenza ma tikkontjeniex il-konnotati tal-imputat fil-konfront ta' min giet moghtija. Apparti minn dan, l-Ufficjal Prosekutur fil-kawza in kwistjoni ma giex prodott bhala xhud fil-kawza odjerna u b'hekk ma saritx il-konferma tal-identita' tal-imputat.

Illi huma biss is-segwenti imputazzjonijiet li gew sodisfacentement pruvati: it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba′ (4) u s-sitt (6) imputazzjonijiet.

Illi, dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti tinnota, u dana fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat, li fis-sentenza taghha tat-2 ta′ Settembru 1999, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Jibqa′ pero` il-fatt inkwjetanti tal-ammont ta′ droga involuta, ammont li fih innifsu kien jikkostitwixxi perikolu ghal terzi, ghax dak li jkun jista′ facilment jiddeciedi li, flok ma juza d-droga esklussivament hu, jaqsamha ma′ haddiehor."

Ghalhekk, f′dak il-kaz il-Qorti xorta wahda ghaddiet sabiex tinfliggi piena karcerarja effettiva.

Il-Qorti tinnota wkoll li fis-sentenza taghha tat-13 ta′ Ottubru 2009, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. David John Buttigieg**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> "…l-ammont involut, billi kien wiehed konsiderevoli, xorta wahda kien jipprezenta perikolu ghal terzi, ghax dejjem ikun hemm il-perikolu li min ikollu dik il-kwantita` jista′ jasal biex joffri, anke jekk minghajr hlas, xi ftit minnha lil haddiehor li jkun hekk imhajjar. Fi kliem iehor, il-fatt li jkun hemm pussess semplici (cioé mhux aggravat) izda ta′

ammont sostanzjali ta' droga, ghandu, bhala regola, igorr mieghu xorta wahda l-piena ta' prigunerija".

Fil-waqt illi din il-Qorti tikkondividi dan il-hsieb, fl-istess hin kull kaz irid jigi determinat a bazi tac-cirkostanzi partikolari tieghu. Il-Qorti qieset illi fis-sentenza hawn fuq imsemmija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri**, kif ukoll f'kazijiet ohrajn fejn il-Qrati segwew l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali f'dik is-sentenza, bhal per ezempju, is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Glenn Busuttil**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Jannar 2009, il-fedina penali tal-appellanti f'dawk il-kazijiet, kienet wahda refrattarja u l-Qorti, fiz-zewg kazijiet, ghaddiet biex tinfliggi piena karcerarja effettiva.

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, inkluz in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, il-fedina penali (Dok. "B" – *a fol.* 9 *et seq.*) tieghu, u l-fatt li l-imputat huwa recidiv, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tikkundanna lill-imputat ghall-piena ta' prigunerija effettiva.

Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali, il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel (1) u tal-hames (5) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnhom, wara li rat:

Artikoli 17(b), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

Taqsimiet 4 u 6, l-Ewwel Skeda u Artikoli 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta,

Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Ligijiet ta' Malta,

u

Regolament 8 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati,

ssib lill-imputat Carmel Mifsud hati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tas-sitt (6) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija u ghall-hlas ta' multa ta' hames mitt Euro (€500.00).

*Ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dawn il-proceduri, u cioé is-somma ta' tmien mija u hmistax il-Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€815.29).[4]

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezibita (u tal-affarijiet relatati maghhom) taħt il-ħarsien tar-Registratur.

[4] Spizjar Godwin Sammut (€318.60) (*a fol.* 73 *tergo*); PS 612 Theo Vella u PS 644 Evan Camilleri (€148.35) (*a fol.* 109); Dr. Martin Bajada (€348.34) (*a fol.* 146 *tergo*).

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------